**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 9**

**It-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.15 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 8 tat-3 ta' Ottubru 2023 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għal fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 12 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/050 datat 21 ta' Novembru 2023 dwar ilment dwar *Akkwist ta' trattament favorevoli fl-allokazzjoni ta' siġġijiet fuq ajruplan f'titjira għall-finijiet ta' btala privata*;

Dok. 13 Ittra mgħoddija lis-Sedja mill-Kummissarju għal-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata 5 ta' Diċembru 2023 dwar Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li lmenti ma għandhomx jiġu investigati, b'referenza għall-ittra tiegħu dwar l-istess suġġett datata 15 ta' Ġunju 2023;

Dok. 14 Rapport maħruġ mill-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) bl-isem *Public Integrity in Malta: Improving the Integrity and Transparency Framework for Elected and Appointed Officials* li ġie mgħoddi lis-Sedja mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika;

Dok. 15 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/057 datat 22 ta' Frar 2024 dwar ilment dwar *Għemil ta' kummenti li setgħu jippreġudikaw każ kriminali quddiem il-Qorti; u*

Dok. 16 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/043 datat 13 ta' Marzu 2024 dwar ilment dwar *Ġenerożità eċċessiva fl-għoti ta' benefiċċji lill-Eks Prim Ministru Joseph Muscat*.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/052)**

L-Ispeaker qal li l-Kumitat kelli jiddeċiedi jekk jippubblikax ir-rapport dwar investigazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Każ K/052).

Il-Kumitat qabel b'mod unanimu illi r-rapport għandu jsir pubbliku.

Dok. 17 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/052 datat 4 ta' Marzu 2024 dwar ilment dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi fil-produzzjoni u x-xandir ta' filmat li jikkonsisti f'pubbliċità personali*

Il-Kumitat qabel ukoll li għandu jerġa' jiltaqa' sabiex jikkonsidra jekk għadux jaddotta l-imsemmi rapport, u li f'dik il-laqgħa jkun mistieden il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika sabiex jagħti spjega tar-rapport tiegħu.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/027) – KONTINWAZZJONI**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika K/027 mil-laqgħa tat-3 ta' Ottubru 2023.

L-Ispeaker fakkar illi fil-laqgħa preċedenti, il-Kumitat kien qabel illi ssir komunika mal-Onor. Michael Farrugia sabiex jingħata l-opportunità illi jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Huwa żied illi l-Onor. Farrugia kien għażel li jagħmel sottomissjoni bil-mitkub, li ġiet mgħoddija lill-membri tal-Kumitat fl-14 ta' Marzu 2024.

Dok. 18 Sottomissjoni bil-miktub magħmula mill-Onor. Michael Farrugia ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika dwar ir-rapport dwar investigazzjoni bir-referenza K/027

Wara diskussjoni dwar liema sanzjoni ai termini ta-Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għandha tiġi applikata, fejn l-Onor. Mark Anthony Sammut ippropona illi l-Onor. Michael Farrugia jagħmel apoloġija lill-Kamra, l-Ispeaker qal illi l-unika waħda applikabbli kienet li l-Kumitat iċanfar lill-persuna investigata, u dan peress li ma kienx hemm aggravji.

Il-Kumitat qabel mal-proposta tal-Ispeaker u qabel ukoll illi l-Iskrivan tal-Kamra tikteb lill-Onor. Michael Farrugia fejn tinfurmah li l-Kumitat kien qabel b'mod unanimu illi b'referenza għar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/027, huwa kellu jingħata twissija bil-miktub.

Fil-5.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**